MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2012

Numru 1066/2012

Il- Pulizja
(Spettur Jason Francis Sultana)

Vs

OLIVER TCHIKAYA YAO

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Oliver Tchikaya Yao ta' 35 sena, mill-Cameroon, iben Samuel u Rose nee' Kamga, imwieled il-Cameroon fit-30 ta' Lulju 1977 u bla residenza fissa f'Malta, detentur tal-passaport mahrug mill-Cameroon bin-numru 948483 fl-10 ta' April 2006, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. fit-13 ta' Ottubru 2012 u l-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, assocja ruhhu ma xi persuni ohra f'Malta jew

barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt (frodi ai termini tal-artikoli 308 u 309) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-istampa u dan ai termini ta' l-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' frodi skond Artikolu 308 u 309 ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta` bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u dan bi ksur ta' Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli matul l-istess zmien iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' propjeta` pubblika jew li jkunu qeghdin taht il-kustodja pubblika jew xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri u jew marki, ukoll jekk dan sar bl-uzu falz tal-ghodda vera (Dan bi ksur tal- Artikoli 172 u 176 Kap.9 tal- Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur in tema ta’ piena principalment il-fatt li f’dan il-kaz hadd ma sofra hsara, li l-imputat ikkopera bis-shih mal-mument li huwa gie intercettat u il-fatt, kif jirrizulta mill-istqarrija ta’ l-imputat, li huwa iddispjacih ta’ dak li ghamel. Semghet wkoll lill-imputat tramite l-interpretu jiddikjara fil-miftuh li huwa iddispjacih ta’ li ghamel;

In vista ta’ dan il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li issib htija skond l-imputazzjoniet kif dedotti

Ghal-mottivi premessi, wara li rat l-Artikoli 48A, 41(1)(a), 308, 309,172, 176 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoniet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 jibqghu sospizi ghall-perjodu ta’ erba (4) snin millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjoniet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti tastjeni milli tordna il-konfiska stante li l-prosekuzzjoni ma esebiet xejn li ghandu jigi konfiskat, kif wkoll tastjeni milli tapplika id-dispost tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------